MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Numru 146/2011

**-Pulizija**
**(Spettur Barnard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Marco Borg ta' 43 sena, iben Joseph u Melita nee` Camilleri imwieled Pieta, fil-13 ta' Mejju 1968, u residenti ta' 5, Sqaq Nannuwa, Birkirkara, numru tal-Karta tal-Identita` 213868(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat li permezz taghha huwa gie akkuzat talli, nhar il-25 ta' Dicembru 2010 f'xi hin bejn 4.50pm u 5.00pm waaqt li kien qieghed fi Triq Tumas Fenech, Birkirkara jew fil-vicinanzi;

1. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjed haddiehor ghad-dannu ta' Carmen Mizzi , liema hsara

teccedi aktar minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1.164.69c).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghal dak illi ghamel u hallas id-danni kawzati minnu.  Fil-fatt il-parte leza iddikjarat illli hija m'ghadx ghandha interess f'dawn il-proceduri billi hija thallset ghad-danni kollha mill-imputat.

Ghalhekk wara li rat l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl  tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni  li ma jikkommetix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------